MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 49/2010/1

**Emanuel u Rita mizzewgin Portelli**

**v.**

**Avukat Generali, u b’ digriet tal-5 ta’ Awissu 2010 gie kjamat fil-kawza George Borg f’ismu proprju bhala mandatarju tal-assenti John Emanuel Micallef, u Marian Micallef u Carmen Borg.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**[1]** Dan hu appell interpost mill-atturi minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fl-14 ta' Gunju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez. F'dawn il-proceduri huma talbu li:
"... ... ... din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li huma sofrew u qeghdin isofru vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq u fi zmien ragonevoli[1] minn tribunal indipendenti u imparzjali, u kif ukoll vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta` privata, u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq billi jittiehed in konsiderazzjoni l-valur fis-suq tal-proprjeta` li huma gew ordnati jittrasferixxu versu l-press ta' Lm7,000, bl-ispejjez."

**[2]** L-appell tal-atturi huwa bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra u tiddeciedi dwar it-talba taghhom relattiva ghal-lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq "fi zmien ragjonevoli"; [2] [a] li naqset ukoll li tikkunsidra l-kuncett tal-bilanc gust u tal-proporzjonalita` relattiva ghat-talba taghhom ibbazata fuq l-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tat-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni]; u [b] li b'rizultat tal-intromissjoni tal-Istat, rapprezentat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, inghataw decizjonijiet inkonsistenti u irragjonevoli bir-rizultat li r-rikorrenti soffrew telf finanzjarju qawwi.

## Fatti

**[3]** Il-fatti relevanti ghall-kaz huma dawn:-

**[4]** Illi din il-kawza tikkoncerna art maghrufa ta' Xkora f'Main Street Mosta li r-rikorrent kien xtara minghand John Debono bil-prezz ta' Lm6,800 sabiex jibni fuqha d-dar tieghu. Irrizulta pero` li hu ma setax jibni fuq l-art ghax il-permess relattiv ma harigx minhabba arblu kbir tal-*high tension* li kien hemm fuq l-art inkwistjoni. Rizultat ta' dan, hu fetah kawza kontra l-imsemmi John Debono ghar-rexissjoni tal-kuntratt.

[1] Sottolinear ta' din il-qorti

**[5]** Fil-mori tal-kawza kontra John Debono, ir-rikorrent gie avvicinat mill-intimati George Borg u John Micallef li urewh l-interess taghhom li jakkwistaw l-art. Min-naha tieghu, ir-rikorrent bejn li kien qed jibza' li kien ser jitlef il-kawza li kellu ma' Debono, u bejn ukoll kien tilef l-interess fl-art peress li ma setax jizviluppaha[2] ried jirranga mal-imsemmija George Borg u John Micallef.

**[6]** F'dawn ic-cirkostanzi l-partijiet waslu fi ftehim, u fit-28 Ottubru 1987 il-partijiet Emanuel Portelli u George Borg flimkien ma' John Micallef, iffirmaw skrittura privata li permezz taghha r-rikorrent wieghed lil dawn l-intimati, accettanti, li jidhlu f'konvenju ghat-trasferiment tal-imsemmija art bil-prezz ta' Lm7,000 [illum €16,304], kemm-il darba l-kawza fl-ismijiet **Emanuel Portelli v. John Debono** [Cit.111/87] "tintilef" minn Portelli u ghalhekk l-art tibqa' tghajjat lilu. Dan il-ftehim sar fl-ufficcju tal-Avukat tal-istess Emanuel Portelli, filwaqt li l-parti l-ohra ma kienux legalment assistiti.

**[7]** Fix-xhieda tieghu l-Avukat Dottor Tonio Farrugia jghid hekk:

"… … … meta saret din l-iskrittura, Emanuel Portelli kien qed jibza li din il-kawza [kontra John Debono] kien se jitlifa, fis-sens illi hu l-iskop tieghu kienet li fuq dawn il-plots jibni d-dar tieghu, dan fil-fatt kien nefaq ga spejjez, ... ... u peress li kienet twalet din il-kawza ... ... u kien tilef l-interess fiha, ... … u speci ghax ma kellux l-interess kien saret din l-iskrittura, niftakar jiena kont wissejthom lit-tnejn li huma [dwar] il-gravita taghha, ghax din hija skrittura li tghid illi jekk tintilef il-kawza l-iehor ser jixtrihom b'dak il-prezz, jigifieri kien hemm certu serjeta mit-tnejn li huma, wiehed jekk jitlef il-kawza, u l-iehor obbligat li jixtri b'dak il-prezz insomma."[3]

**[8]** Illi l-kawza bejn Portelli u Debono giet eventwalment kancellata mill-Qorti b'digriet tas-16 ta' April 1991, peress li giet ceduta wara tranSazzjoni bejn dawn il-partijiet. Fic-cirkostanzi, ir-rikorrent deherlu li ma kienx marbut li jidhol

---

[2] Fols.57 - 58
[3] Ibid.

fl-imsemmi konvenju mal-intimati Borg u Micallef peress li l-kawza kontra John Debono ma ntilfitx, u r-rikorrenti rega' kellhom interess li jzommu l-art, stante li l-arblu li kien qed jostakola l-izvilupp taghha tnehha, u ghalhekk l-art setghet tigi zviluppata.

**[9]** F'dawn ic-cirkostanzi, George Borg u John Micallef fethu kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra r-rikorrenti biex igieghluhom jersqu ghall-konvenju skont l-imsemmija skrittura. B'sentenza moghtija fis-16 ta' Novembru 2007, dik il-Qorti cahdet it-talba tal-atturi, u tat ragun lir-rikorrenti Portelli fis-sens li dawn ma kienux obbligati jersqu ghall-konvenju.

**[10]** Il-konvenuti George Borg u John Micallef appellaw minn din is-sentenza, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili, b'sentenza moghtija fis-26 ta' Marzu 2010, laqghet l-appell, u rrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti, u ordnat li r-rikorrenti Portelli sabiex, in ottemperanza mal-iskrittura privata fuq indikata, jersqu ghall-konvenju mal-konvenuti ghat-trasferiment tal-art inkwistjoni.

**[11]** Gietipprezentata kawza ghar-ritrattazzjoni tal-appell fuq talba ta' Emanuel Portelli, izda t-talba tieghu giet michuda b'sentenza moghtija fil-15 ta' Lulju 2010.

**[12]** Eventwalment sar il-konvenju u fil-5 ta' Awwissu 2010 sar il-kuntratt relattiv, u l-art ghaddiet minghand ir-rikorrenti ghal ghand l-intimati bil-prezz li kien miftiehem ta' €16,304 [Lm7,000].

**[13]** L-ilment fattwali tar-rikorrenti fil-kawza odjerna jimpernja fuq il-fatt li huma kienu gew kostretti mill-Qorti sabiex jitrasferixxi lill-intimati bil-prezz fuq indikat l-art proprjeta` taghhom, li fl-14 ta' Frar 2011 giet stmata mill-Perit Carmel Bonanno fl-ammont ta' €1,110,075, wara li kien tnehha l-arblu kbir tal-*high tension*, li kien qed jostakola l-izvilupp taghha.

**Is-Sentenza Appellata**

**[14] I**lli l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

**"Konsiderazzjonjiet**

"Dawn il-proceduri jirrelataw ghall-ilment relatat mal-kawza **George Borg proprio et nomine vs Emanuel Portelli et** (Citaz. Numru 1764/1993) deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010. F'dik il-kawza l-atturi George Borg, John Emanuel Micallef, Marian Micallef u Carmen Borg talbu sabiex jigi dikjarat li Emanuel u Rita konjugi Portelli huma obbligati li jidhru fuq konvenju ghat-trasferiment ta' art maghrufa ta' Xkora, Main Street, Mosta skond skrittura tat-28 ta' Ottubru 1987, li tigifi ffissata gurnata, hin u lok biex isir il-konvenju, u biex il-qorti tinnomina kuraturi ghal min jibqa' kontumaci fuq il-konvenju u fuq l-att finali ta' bejgh.

"Bl-iskrittura tat-28 ta' Ottubru 1987, Emanuel Portelli fuq naha u George Borg u John Emanuel Micallef fuq l-ohra, ftehemu li f'kaz li l-kawza **Emanuel Portelli vs John Debono** (Cit. 111/87), li kienet dwar talba ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' xiri tat-28 ta' Settembru 1984 atti nutar Dr Patrick Critien tal-art in kwistjoni, **tintilef** minn Portelli allura kellu :

***"1. Isir konvenju ta' bejgh bejn il-partijiet odjerni tal-plots imsemmija.***

***"2. Il-prezz ta' dawn il-polts ikun dak ta' Lm7000 (sebghat elef lira).'***.

"Gara li l-kawza bejn Portelli u Debono ma komplitx ghaliex sehhet transazzjoni. Fil-fatt b'digriet moghti fis-16 ta' April 1991 (fol. 13) il-kawza giet kancellata. Portelli jghid li peress li l-problema li kien hemm ghall-izvilupp tal-art kienet giet rizolta, *'Ghalhekk jiena biddilt fehmti u ddecidejt li nzomm l-art.'*. L-argument ta' Portelli kien li ma kellux obbligu jersaq ghall-konvenju peress li ma kenitx inghatat sentenza kontra tieghu fil-kawza fuq imsemmija, u l-iskrittura tat-28 ta' Ottubru 1987 kienet tipprovdi li l-konvenju jsir biss jekk tintilef il-kawza.

"B'sentenza li nghatat mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-16 ta' Novembru 2007, il-qorti laqghet l-eccezzjoni ta' Portelli li ma kellux obbligu jiffirma konvenju gialadarba l-kawza **Emanuel Portelli vs John Debono** (11/1987) ma gietx deciza b'sentenza kontra Portelli izda kienet giet kancellata. Il-qorti osservat : *'Hi f'postha s-sosttomissjoni tal-konvenuti, kif indikata fin-nota ta' sottomissjoni taghhom, li l-kliem li kawza tintilef ma jfissrux li l-kawza ma tintrebahx. Inoltre li kawza ma tintrebahx tinkludi diversi possibiltajiet, fosthom li l-kawza tigi ceduta jew tigi kancellata mill-Qorti. Hu ovvju li l-kancellament tal-kawza mhux eikwivalenti ghal decizjoni fil-mertu u hu zgur li kancellament ma jfissirx li hemm ir-res judicata bejn il-partijiet.'*. Il-qorti kkunsidrat ukoll xhieda li kien ta Dr Tonio Farrugia, li qal li meta ghamel l-iskrittura kien fehem li l-konvenju kellu jsir jekk Portelli jitlef il-kawza li kien ghamel lil Debono. Kawza li Portelli jghid li kien ghamel ghaliex l-art li kien xtara ma setax isir zvilupp fuqha minhabba arblu tad-dawl.

"Sfortunatament ghal Portelli l-Qorti tal-Appell, b'sentenza tas-26 ta' Marzu 2010, fehmet l-affarijiet mod iehor u rrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti u laqghet it-talbiet tal-atturi. Fis-sentenza jinghad li: *'Il-konvenut Emanuel Portelli, attur fil-kawza l-ohra, kellu kull dritt icedi l-kawza li fetah kontra John Debono, pero', la darba intrabat li jhalli l-kawza tiehu l-kors normali taghha sad-decizjoni finali, ma kellux iwaqqaf dak il-process jekk mhux ghar-ragunijiet oggettivament gustifikabbli ma rrizultawx f'dan il-kaz.'*. Osservat ukoll li permezz ta' dik l-iskrittura Portelli kien obbliga ruhu li jinsisti ghal sentenza u jekk iwaqqaf il-kawza jkun qieghed jagixxi in *mala fede*. Portelli ghamlu wkoll proceduri ta' ritrattazzjoni, pero b'sentenza tal-15 ta' Lulju 2010 il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba taghhom.

"Mir-rikors promotur hu evidenti li r-rikorrenti qeghdin jilmentaw mis-sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010 u 15 ta' Lulju 2010, u jsostnu li:-

"i. Il-qorti kkonkludiet li l-ftehim tat-28 ta' Ottubru 1987 kien weghda li jsir konvenju, u r-rikorrenti

jsostnu li skond il-ligi din it-tip ta' weghda m'hijiex koncepibbli f'kaz ta' bejgh; *'Il-konvenju huwa l-uniku mezz ta' kif wiehed jista' jobbliga ruhu fil-konfront ta' terzi meta si tratta ta' immobbli. Altrimenti l-obbligazzjoni tkun bla effett.... Fis-sura taghha, peress li tirrigwarda ftehim fuq trasferiment futur ta' proprjeta immobbli, kienet konvenju.'* (ara rikors promotur fol. 2). Jilmentaw li l-qorti naqset milli tikkunsidra dwar jekk weghda li jsir ftehim, huwiex null.

"ii. L-istess qorti fil-kaz **Zammit et vs Gonzi et** tal-31 ta' Ottubru 2007 fejn il-qorti osservat li l-konvenju hu l-uniku mezz *'... ta' kif wiehed jista' jobbliga ruhu fil-konfront ta' terzi meta si tratta ta' immobbli. Jekk mhux hekk din l-obbligazzjoni hija bla effett.'*.

"iii. Il-Qorti tal-Appell kienet inkonsistenti bil-mod kif iddecidiet, u ghalhekk il-principju ta' *legal certainty* gie ppregudikat. Ghal dak li jikkoncerna l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-argument kollu tar-rikorrenti hu mibni fuq it-tezi ta' ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba sentenza li tmur kontra l-principju ta' *legal certainty*[4].

"iv. L-art in kwistjoni ghandha valur qrib €1,164,686[5]. L-inkonsistenza tal-qorti fl-ghoti ta' decizjonjiet u irragonevoli, wassal sabiex ir-rikorrenti jkunu kostretti jittrasferixu l-art bi prezz irrizorju ta' €16,305. Minhabba dan ir-rikorrenti jilmentaw li gew imcahhda l-proprjeta taghhom minghajr kumpens xieraq bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

"Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti hu altru milli evidenti li qeghdin, permezz ta' dawn il-proceduri, jipprovaw jergghu jifthu berah il-kawza civili li llum hi gudikat. Ir-rikorrenti isostnu li *'l-analizi legali maghmula minnha* (Qorti tal-Appell) *kienet mill-aktar hazina.'*[6]. Jekk il-qorti kellha tilqa' l-istedina tar-rikorrenti u taghmel *'ezami dwar il-korrettezza tad-decizjoni*

[4] Ara fol. 79-83 tan-nota ta' sottomissjonijiet. Hekk per ezempju jinghad: *"Dan kollu jikser id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq garantit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex jivvjola l-principju ta' legal certainty."* (fol. 81).
[5] Fil-kors tal-gbir tal-provi, ir-rikorrenti pprezentaw rapport tal-perit Carmel Bonanno li ta stima ta' €1,110,075.
[6] Fol. 79 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

*impunjata"*[7], ikun ifisser li trid tistharreg jekk il-ftehim tat-28 ta' Ottubru 1987 huwiex validu. Ir-rikorrenti huma konxji ta' dan, tant li n-nota ta' sottomissjonijiet hi dedikata ghall-argumenti intizi biex jikkonvincu lill-qorti li s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2010 hi legalment inkorretta, kif ukoll ghall-interpretazzjoni li fil-fehma taghhom kellha tinghata lill-kliem li ntuza fl-iskrittura[8]. Mela jkun ifisser li din il-qorti trid terga' tidhol fil-meritu ta' kawza li llum hi *res judicata*. Li ma tifhimx il-qorti hu kif fid-dawl ta' dak li jinghad fl-iskrittura tat-28 ta' Ottubru 1987, Portelli ma ressqux dawn l-argument fil-kawza proprja.

"Hu minnu li r-rikorrenti qeghdin ifittxu ghall-kumpens u mhux biex jannullaw is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Jibqa' pero li fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun li f'proceduri ta' din in-natura, din il-qorti tinvestiga jekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell hijiex legalment korretta.

"Il-Qorti tal-Appell waslet ghal konkluzjoni li l-ftehim tat-28 ta' Ottubru 1987 ma kienx konvenju u li Portelli kellu obbligu li jonora l-ftehim. Il-kuncett ta' *legal certainty* taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu fis-sens li decizjoni finali li permezz taghha jigi rizolt kaz, m'ghandux jigi kkontestat. **Fil-kaz Brumarescu v Rumanija** (28 ta' Ottubru 1999) il-Qorti Ewropea osservat:-

*""The right to a fair hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, among other things, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty, which requires, inter alia, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question.".*

"Fil-kaz **Rosca v Moldova** deciz fit-22 ta' Marzu 2005, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem osservat:-

[7] Fol. 79.
[8] Sahansitra argumentaw li l-Qorti tal-Appell ma kinitx korretta meta qalet li l-obbligazzjoni kienet wahda kondizzjonali u ghamlet riferenza ghall-Artikolu 1053 tal-Kodici Civili.

*““Legal certainty presupposes respect for the principle of res judicata (ibid., § 62), that is the principle of the finality of judgments. This principle insists that no party is entitled to seek a review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Higher courts’ power of review should be exercised to correct judicial errors and miscarriages of justice, but not to carry out a fresh examination. The review should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not a ground for re-examination. A departure from that principle is justified only when made necessary by circumstances of a substantial and compelling character (Ryabykh v. Russia, no. 52854/99, §52, ECHR 2003-IX).”*.

“Jekk din il-qorti kellha terga’ tidhol fil-meritu tal-kawza u tissindika jekk il-Qorti tal-Appell kenitx korretta bil-mod li ddecidiet, tkun hi stess qeghda tikser il-principju tac-certezza legali. Irrispettivament jekk it-tezi tar-rikorrenti, li ftehim preliminari ghall-konvenju m’huwiex validu, hijiex korretta, f’dan il-process m’ghandux ikun li l-qorti tistharreg jekk per ezempju fil-kawza civili dak li qalet il-Qorti tal-Appell dwar il-fatti kienx bazat fuq interpretazzjoni korretta tal-provi, jekk il-konkluzjonijiet li ghamlet il-qorti kienux kompatibbli mal-provvedimenti sostantivi tal-ligi civili, jew jekk is-sentenza kenitx flokha. Din il-qorti m’ghandix titqies bhala qorti ohra ta’ appell.

“Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li din il-qorti ghandha tiddeciedi jekk is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell kienux kompatibbli mad-dritt taghhom li jgawdu l-proprjeta taghhom. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

*““Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.”*.

“Fil-fehma tal-qorti l-fatt li l-kawza damet pendenti 17 il-sena, m’ghandux ikollha konsegwenza ghal mod kif tigi

deciza fil-meritu. Ir-rikorrent iffirma ftehim mal-intimati Micallef u Borg minn jeddu. Ghalkemm id-dewmien bla bzonn sabiex jinqatghu l-proceduri jistghu jaghtu lok ghal dikjarazzjoni ta‘ ksur ta‘ smiegh xieraq taht l-Artikolu 6(1)[9], dan il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn ma tehid forzat ta‘ proprjeta. Il-Qorti ma hadet l-ebda proprjeta ta‘ Portelli. Kien hu li ffirma l-ftehim li l-Qorti ddikjarat li kien obbligat li jonora, irrispettivament taqbilx mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Hu minnu li s-sentenza waslet biex finalment l-art tigi trasferita lill-intimati Borg u Micallef. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li sehh t-tehid ta' proprjeta li qieghed jikkontempla l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

"M'hemmx dubju li l-valur tal-art meta bdiet il-kawza fl-1993 u l-valur meta nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta‘ Marzu 2010, m'humiex paragunabbli. Madankollu bis-sentenza ma kien hemm l-ebda tehid ta' proprjeta tal-privat biex tinghata lill-awtoritajiet pubblici. Wiehed jista' ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, pero' s-sentenza m'hijiex esproprijazzjoni, formali jew *de facto*. Dan il-kaz m'huwiex paragunabbli per ezempju mal-kaz ta' ***Brumarescu v Romania***, fejn wara sentenza *res judicata* kienu saru proceduri godda quddiem il-Qorti Suprema. Proceduri li wasslu ghat-thassir tas-sentenza li kienet inghatat favur l-applikant. F'dak il-kaz il-Qorti Ewropea kkonfermat li s-sentenza favur l-applikant kienet *possession*, u li bis-sentenza tal-Qorti Suprema kien hemm indhil mad-dritt rikonoxxut fis-sentenza favur l-applikant. Fil-kaz taghna il-Qorti tal-Appell interpretat il-ftehim li ffirmaw il-partijiet f'Ottubru 1987 u kkonkludiet li Portelli kienu obbligati li jonoraw dak il-ftehim. Lanqas ma jista' jinghad li dan il-kaz jixbah kazijiet ohra li gew decizi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dewmien biex tigi ezegwita sentenza (ara per ezempju s-sentenza ***Fuklev v Ukraine*** tas-7 ta‘ Gunju 2005[10]), fejn

[9] Mill-atti hu evidenti li d-dewmien sehh diment li l-kawza kienet pendenti quddiem l-ewwel Qorti, fejn mill-25 ta' Mejju 1999 sas-16 ta' Novembru 2007 il-kawza baqghet tigi differita ghas-sentenza. Fil-fatt is-sentenza nghatat fis-16 ta' Novembru 2007. Pero` minn qari tar-rikors promotur u n-nota ta' sottomissjonijiet, hu altru milli evidenti li f'dawn il-proceduri l-ilment tar-rikorrenti, inkwantu jikkoncerna l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, hu limitat ghall-ksur tal-principju li jirreferu ghaliha bhala *substantive due process* u mhux li ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

[10] *"However, that right would be illusory if a Contracting State's domestic legal system allowed a final, binding judicial decision to remain inoperative to the detriment of one party. It would be inconceivable that Article 6 § 1 should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants – proceedings that are fair, public and expeditious – without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 as being concerned exclusively with access to a court*

ukoll il-qorti sabet li dan jissarraf fil-ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Il-qorti ma tifhimx kif ir-rikorrenti jsostnu li Borg u Micallef ghamlu arrikkiment ingust gialadarba kien hemm ftehim bejn il-partijiet, li bis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2010 il-qorti rrikonoxxiet li kien ghadu jorbot. Hekk ukoll ma tifhimx x'jippretendi li kellha taghmel il-Qorti tal-Appell ladarba fil-meritu kkonkludiet li Borg u Micallef kellhom ragun. Li hu zgur hu, li kuntrarjament ghal dak li jidher li qeghdin isostnu r-rikorrenti, ma kellux ikun li fid-decizjoni l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li sad-data tas-sentenza l-valur tal-art kien zdied hafna. Dan m'huwiex il-mod kif jigu decizi l-kawzi.

"Ghal dak li jirrigwarda r-rikors li r-rikorrenti pprezentaw fl-10 ta' Mejju 2012, il-qorti ma tarax li hemm lok li tissospendi l-ghoti tas-sentenza. Madankollu l-qorti hadet konjizzjoni tad-dokument anness li hi decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar it-taxxa pagabbli fir-rigward tat-trasferiment li sar bil-kuntratt tal-5 ta' Awwissu 2010 pubblikat min-nutar Dr Roland J. Wadge. Jirrizulta li ghalkemm il-bejgh sar ghall-prezz ta' €16,305 (Lm7,000), il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jippretendi li taxxa addizzjonali ta' €31,080. Dan ifisser li r-rikorrenti jispiccaw johorgu iktar flus milli dahlu. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bbaza d-decizjoni tieghu fuq dak li jipprovdi r-Regolament 3 tad-Duty on Documents and Transfer Rules (1993) li jipprovdi li l-valur tal-proprjeta hu l-prezz medju li ggib fuq is-suq u l-valur ghandu jkun taz-zmien tat-trasferiment *inter vivos*. Fil-fehma tal-qorti r-rikorrenti ghandhom id-dmir jezawrixxu r-rimedji ordinarji li toffrilhom il-ligi billi jappellaw mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Madankollu d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma tbiddel xejn mill-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-qorti. Ovvjament dan

---

*and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention (see,* mutatis mutandis, *the Golder v. the United Kingdom judgment of 21 February 1975, Series A no. 18, pp. 16-18, §§ 34-36).* ***Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the 'trial' for the purposes of Article 6****; moreover, the Court has already accepted this principle in cases concerning the length of proceedings (see, most recently, the Di Pede v. Italy and Zappia v. Italy judgments of 26 September 1996,* Reports of Judgments and Decisions *1996-IV, pp. 1383-84, §§ 20-24, and pp. 1410-11, §§ 16-20 respectively)."* (***Hornsby v. Greece***, 19 ta' Marzu 1997).

qieghed jinghad a bazi ta’ l-ilment kif propost mir-rikorrenti f’dawn il-proceduri.”

**L-Appell tal-Atturi**

**[15]** L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tghaddi biex tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**[16]** Min-naha taghhom l-intimat, l-Avukat Generali, kif ukoll l-intimati l-ohra, ipprezentaw risposta separata, fejn, ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess risposti, it-tnejn oggezzjonaw ghat-talba tar-rikorrent, u talbu li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi konfermata.

**[17]** *L-ewwel aggravju* hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx it-talba taghhom dwar ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli “billi naqset li tiddikjara li giet leza l-garanzija dwar “zmien ragjonevoli”. Jghidu:

“Fil-fatt minn ezami tas-sentenza appellata, jirrizulta li minkejja talba carissima fir-rikors promotur, l-Ewwel Onorabbli Qorti ssorvolat kompletament il-lanjanza dwar zmien eccessiv, u dan meta hadd ma jista’ jichad illi l-kawza damet biex tigi deciza mill-1993 sal-2010, u ghalhekk kien hemm indubbjament dewmien eccessiv.”

**[18]** Jghid li l-ewwel Qorti kienet ikkonstatat dan il-fatt, tant li osservat li “... ... id-dewmien bla bzonn sabiex jinqatghu l-proceduri jistghu jaghtu lok ghal dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ smigh xieraq taht l-Artikolu 6[1]....”; izda, minkejja dan, l-ewwel Qorti naqset li tiddikjara lezjoni ta’ dan id-dritt fil-konfront tal-atturi, u minflok cahdet it-talbiet kollha taghhom.

**[19]** *It-tieni aggravju*, fl-ewwel parti tieghu, hu fis-sens li, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-lezjoni fil-konfront tal-atturi tad-dritt taghhom taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-ingredjenti tal-bilanc gust u tal-proporzjonalita`, li, skont hu, huma l-

*key principles* li fuqhom ir-rikorrenti bbaza t-talba tieghu fir-rigward. Jghid:

"... … minflok ma analizzat x'kien jirrikjedi l-principju tal-*fair balance* fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti, u minflok ma ezaminat jekk l-esponenti kellhomx jerfghu "a disproportionate burden" [ara pagna 10 et seq, tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom] l-Ewwel Qorti njorat ghal kollox il-principju dwar proporzjonalita' u trattat biss il-punt illi ladarba l-Qorti tal-Appell tat-sentenza fil-meritu mhux konsentit li dik is-sentenza terga' tinfetah ghaliex inkella l-Prim Awla tal-Qorti Civili [Gurisdizzjoni Kostituzzjonali] tkun qed tagixxi bhala qorti tal-appell ohra."

**[20]** Ikompli jghidi:

"L-argument ewlenin li fuqhom parti f' kawza tkun qieghda tibbaza l-kaz taghha ghandhom dejjem jigu kkunsidrati u ezaminati u accettati/rigettati, izda qatt injorati. Dan jghodd biss ghall-argumenti ewlenin li jkunu jiffurmaw il-bazi ta' l-azzjoni, u mhux ghall-argumenti marginali jew periferici, li l-ebda qorti ma hija mistennija li titratta kull wiehed minnhom separatament."

**[21]** Fit-<u>tieni parti</u> ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-kaz **Mary Zammit et v. Rosemarie Gonzi** deciz fil-31 ta' Ottubru 2007 fejn il-Qorti osservat li l-konvenju hu l-uniku mezz *"... ta' kif wiehed jista' jobbliga ruhu fil-konfront ta' terzi meta si tratta ta' mmobbli. Jekk mhux hekk din l-obbligazzjoni hija bla effett.",* u jghidu:

"... … il-Qorti tal-Appell kienet inkonsistenti bil-mod kif iddecidiet, u ghalhekk il-principju ta' legal certainty gie ppregudikat. Ghal dak li jikkoncerna l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-argument kollu tar-rikorrenti hu mibni fuq it-tezi ta' ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba sentenza li tmur kontra l-principju tal-legal certainty....

"Illi fis-sentenza appellata, izda l-Ewwel Qorti m'gharrfitx ir-responsabbilita' [liability] ta l-istat f' hiex kienet tikkonsisti"

**[22]** Dan jirrizulta mill-partijiet tas-sentenza fejn dik il-Qorti qalet li bis-sentenza ma kien hemm l-ebda tehid ta' proprjeta` tal-privat biex tinghata lill-awtoritajiet pubblici, li s-sentenza m'hijiex esproprijazzjoni formali jew *de facto*, u li t-trasferiment ordnat mill-Qorti tal-art tar-rikorrenti ma jidholx fit-termini ta' tehid ta' proprjeta` kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Kif jinghad fis-sentenza appellata:

"Kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li wasslet biex finalment l-art tigi ttrasferita lil George Borg, u ghalhekk kienet responsabbli ghat-tehid."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**[23]** Illi dwar l-ewwel aggravju, il-Qorti tosserva li l-ilment tal-appellanti huwa gustifikat, stante li, ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, dawn illimitaw l-argumenti taghhom ghal-lezjoni ta' smiegh xieraq minhabba ncertezza legali, u ghat-tehid forzuz ta' proprjeta` taghhom, u ghalkemm, anke fir-rikors promotur hemm enfasi partikolari fuq dawn ir-ragunijiet ghat-talba taghhom, izda l-fatt jibqa' li kemm fil-premessi tar-rikors promotur, kif ukoll fit-talba, ir-rikorrenti semmew ukoll il-fattur tad-dewmien bhala bazi ghat-talba taghhom.

**[24]** Fir-rikors promotur l-appellanti jaffermaw u jilmentaw, *inter alia*, li:

"… … b'rizulltat dirett ta' l-intromissjoni ta' l-Istat - rapprezentata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li tat decizjonijiet inkonsistenti, u bir-rispett kollu , rragjonevoli, <u>wara daqstant dewmien gudizzjarju</u>[11], ir-rikorrenti kienu kostrettu u ordnati jitrasferixxu erba' [4] plota...."

**[25]** Fil-paragrafu sussegwenti r-rikorrenti jkomplu fuq l-istess linja jilmentaw li "ma kellhomx smigh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali <u>fi zmien[12] ragjonevoli</u> bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ... ... b'rizultat taz-

[11] Sottolinear ta' din il-Qorti
[12] Ibid.

zewg sentenzi nkonsistenti u rragjonevoli u li jilledu d-drittijiet fundamentali taghhom, sejrin jigu privati minn din il-proprjeta` mmobbli minghajr kumpens xieraq.”

**[26]** Illi, ghalkemm ma sarx enfasi mir-rikorrenti fuq l-aspett tad-dewmien, tant li ma semmewhx fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, il-fatt jibqa’ li dan kien wiehed mill-lanzjanzi taghhom u li ma gietx irtirata minnhom, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi fuqu.

**[27]** Il-Qorti tosserva f’dan ir-rigward li mill-atti jirrizulta li, ghalkemm l-ewwel Qorti osservat *obiter* li kien hemm dewmien fl-ghoti tas-sentenza mill-25 ta’ Mejju 1999 sas-16 ta’ Novembru 2007, seba’ snin circa, u li dewmien bla bzonn jista’ jaghti lok ghal dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ smiegh xieraq, hija xorta wahda cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, inkluza dik bazata fuq il-lezjoni ta’ dewmien irragjonevoli.

**[28]** Tosserva wkoll li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b’xi mod dan id-dewmien ta’ seba’ snin ghall-ghoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat il-komplessita` tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f’dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta’ anzjeta` u frustrazzjoni da parti taghhom, u ta’ dan, ghandhom jigu kkunpensati.

**[29]** Ghaldaqstant tikkunsidra dan l-aggravju gustifikat, u bhala *just satisfaction* ghal din il-lezjoni tiffissa kumpens fl-ammont ta’ seba’ mitt ewro [€700].

**[30]** Illi fit-tieni aggravju taghhom, ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-principju tal-*fair balance* u tal-proporzjonalita` li huma sejjhulhom il-*key principles* li fuqhom qed jibbazaw it-talba taghhom inkwantu tikkoncerna l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

**[31]** Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-ezami ta’ dawn il-kuncetti huwa preordinat ghas-sejba ta’ indhil, da parti tal-istat fid-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` ta’ persuna, naturali jew legali, u li dan l-indhil ikun jikkostitwixxi privazzjoni tal-proprjeta`.

**[32]** Fil-kaz odjern dan manifestament ma japplikax. L-istat ma ha ebda proprjeta` la formalment u lanqas *de facto* tal-privat, imma semplicement, tramite l-organu gudizzjarju appozitu, cioe` l-Qorti, giet deciza vertenza purament privata bejn zewg individwi, bir-rizultat li, in bazi ghal dak li kienu ftehmu il-partijiet volontarjament fit-28 ta’ Ottubru 1987, ir-rikorrenti gew ordnati li jonoraw dan il-ftehim. Din wara kollox hi l-funzjoni normali tal-qrati skont il-Kostituzzjoni, li jiddeciedu l-vertenzi li jkollhom quddiemhom, u jassiguraw l-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet li jkunu waslu ghalihom.

**[33]** Fi kliem iehor dak li sehh ma kienx indhil da parti tal-Istat sabiex tittiehed minnu l-proprjeta` tar-rikorrenti, izda decizjoni ta’ qorti li waslet sabiex il-proprjeta` tar-rikorrenti tigi trasferita lill-kjamati fil-kawza, in ezekuzzjoni ta’ ftehim volontarjament milqugh bejniethom u skont it-termini tal-istess.

**[34]** Lanqas hija legalment sostenibbli t-tezi tar-rikorrenti li kien hemm indhil fit-termini tal-artikolu konvenzjonali fuq citat da parti tal-Istat rapprezentat mill-Qorti tal-Appell, ghax kif ritenut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Blake v. United Kingdom**[13]**:**

“172. The Court recalls that an order of a domestic court, consequent upon civil proceedings, requiring one party to the proceedings to pay the other party cannot be equated to a deprivation of property, within the meaning of the first paragraph of Article 1 of Protocol No.1, even if the successful party was a public authority [see, mutatis mutandis, *Porter v the United Kindgom* [dec.] no.15814/02,ECHR].

[13] Appl.68890/01 – deciz 25 Ottubru 2005

"173. It follows that, even if the impugned order may be considered to constitute an interference with the applicant's property rights, it did not consituted a deprivation of proprety within the meaning of the said paragraph."

**[35]** Ghalhekk, galadarba ma rrizultax li kien hemm tehid forzuz tal-proprjeta` tar-rikorrenti da parti tal-Istat fit-termini tal-artikolu konvenzjonali fuq indikat, allura ma jistghux ir-rikorrenti validament jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-principju tal-proporzjonalita`, liema principju essenzjalment jinvolvi l-ezami tal-fatt ta' jekk it-tehid tal-proprjeta` fit-termini kontemplat fl-imsemmi artikolu da parti tal-Istat kienx proporzjonat ghall-iskop tal-mizura addottata.

**[36]** Ferm il-premess, din il-Qorti thoss li ghandha tosserva li l-allegazzjonijiet da parti tar-rikorrenti li, rizultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Emanuel Portelli kien ser *"jerfa' a disproportionate burden"* u l-allegazzjoni tieghu maghmula fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, li kien hemm arrikkiment ingust da parti tal-kjamat fil-kawza ghad-dannu taghhom, jirrazzentaw il-fieragh u jikkrollaw kompletament quddiem il-fatti tal-kaz li juru manifestament li meta r-rikorrent iffirma l-iskrittura privata, hu ghamel hekk biex jehles mill-art inkwistjoni, tant li l-prezz ta' Lm7,000 jikkomprendi l-prezz ta' Lm6,800 li biha hu kien akkwista l-art, u l-ispejjez li lahaq ghamel ghall-izvilupp tal-art, u kien biss wara l-iffirmar tal-iskrittura u wara li tnehha l-arblu tad-dawl li kien qed jostakola l-izvilupp tal-art, li rega' ha nteress fl-art *de quo*, u pprova jevadi l-obbligi tieghu naxxenti mill-imsemmija skrittura. Fi kliem car, ried jehles mill-art meta qabillu, u ried jipprova jirtira t-transazzjoni li kien ghamel mal-kjamati fil-kawza meta ra li jaqbillu jzomm l-art.

**[37]** Ghaldaqstant din il-parti tat-tieni aggravju hija manifestament infondata.

**[38]** Illi rigward it-tieni parti ta' dan l-aggravju tieghu, ir-rikorrenti jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma laqghetx it-talba taghhom li kien hemm lezjoni ta' dritt

ta’ smiegh xieraq relatat mal-principju tac-certezza legali, u fattwalment jibbazaw it-tezi taghhom fuq il-fatt li l-Qorti tal-Appell fil-kaz tieghu kontra George Borg, fl-ismijiet **George Borg v. Emanuel Portelli**, fid-decizjoni li tat fis-16 ta’ Marzu 2010 ma segwietx il-linja ta’ hsieb li dik l-istess Qorti kienet affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit et v. Gonzi et** fil-31 ta’ Ottubru 2007, bir-rizultat li r-rikorrenti gew ordnati jaderixxu mat-termini tal-iskrittura tat-28 ta’ Ottubru 1987 u jaddivjenu ghall-konvenju u eventwalment ghall-kuntratt li permezz tieghu huma kellhom jittrasferixxu l-art *de quo* lill-imsemmi George Borg.

**[39]** Il-principji legali li jigvernaw il-kuncett tac-certezza legali gew elenkati minn din il-Qorti f’kaz ricenti fl-ismijiet [272/10] **Stepan Bonnici v. Avukat Generali** deciz fil-25 ta’ Jannar 2013, fejn din il-Qorti osservat hekk:

**“14.** In tema legali, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-principji legali affermati fis-sentenza **Allbu and others v. Romania**, tikkunsidra opportun li telenka dawk il-principji relevanti ghall-kaz in dizamina kif evolvew mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea:

“[a] Il-possibbilita’ ta’ decizjonijiet konfliggenti hija *“an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the areas of their jurisidiction”*; u li *“Such divergencies may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention.”* Inoltre, dawn il-konflitti fid-decizjonijiet jistghu javveraw ruhhom anke fl-istess qorti ta’ appell.

“[b] *“The right to a fair trial must be interpreted in the light of the Preamble of the Convention, which delcares the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. Now one of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system whereas*

*such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law.*

"[c] Wiehed mill-kriterji, anzi l-kriterju ewlieni, addottat mill-Qorti Ewropea sabiex jigi determinat jekk decizjonijiet konfliggenti fil-qrati domesitici jwasslux ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq, huwa l-ezistena o meno ta' *"<u>profound and long-standing differences</u>"* fil-kazistika ta' dawk il-qrati; u fil-kaz affirmattiv, allura dik il-Qorti tghaddi sabiex tistabbilixxi jekk hemmx il-htiega ta' ligi domestika biex tipprovdix makkinarju sabiex jigu superati dawn l-inkonsistenzi.

"[d] *"The requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public <u>do not confer an acquired right to consistency of caselaw.</u>[see **Unedik vs France** no, 20153/04 para 74, 18 December 2008] <u>Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform of improvement</u> [see **Atanasovski v The Former Yougoslav Republic of Macedonia,** no 36815/03 para.38, 14 ta' Jannar 2010]*

"Fil-kawza ***Scoppola vs Italy*** ... gie osservat li:

*""..in any system of law, however clearly drated a legal provision may be, including a criminal law provision, there is an inevitable element of judicial interpretation. There will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changing circumstances. Again, whilst certainty is highly desireable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must be able to keep pace with changing circumstances……….Moreover, it is firmly established part of the legal tradtion of the States party to the Convention that case-law, as one of the sources of law, necessarily contributes to the gradual development of the criminal law [see **Kruslin v France**, 24 April 1990 para.29…]*

"[e] *"The Court does not intend to act as a mechanism for reviewing case conflicts and*

*inconsistencies; divergencies will largely be acceptable as part of the* *__inevitable evolution of case-law__* *and the off-shoot of overlapping jurisdictions as long as the proceedings in issue before the Court itself disclose* *__no arbitrariness__.”*

“Dan jinsab konfermat mill-Qorti Ewropea fil-kawza ***Allbu*** fuq citat fejn osservat li *“Likewise, it is not its’ function save in the event of* *__evident arbitrariness,__* *to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings as the independence of those courts must be respected [see* ***Admsons v Latvia*** *no 3669/03 para.118, 24 June 2008]”*[14]

**[40]** Fil-kaz in dizamina, apparti li ma jezistux l-elementi sabiex tikkonfigura l-lezjoni ta’ dritt ghal smiegh xieraq minhabba incertezza legali, kemm ghax ma gietx ipprovata li kien hemm kazistika *long-standing* dwar il-punt legali, kif ukoll ghax it-tibdil fil-pozizzjoni li hadet l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kienx wiehed arbitrarju, dik il-Qorti ssenjalat il-punt li r-rikorrenti kellhom l-obbligu, skont il-ftehim milhuq, li jinsistu li l-kaz kontra John Debono jigi deciz. Dik il-Qorti osservat li gjaladarba fl-iskrittura huma kienu ntrabtu li joqoghdu fuq id-decizjoni li l-Qorti kienet ser taghti fil-kaz kontra John Debono, allura r-rikorrenti kellhom l-obbligu li jaraw li tinghata decizjoni f’dik il-kawza, u mhux iceduha bil-ghan li ma jkunx hemm decizjoni, u b’hekk jistultifikaw id-dritt tal-kjamati fil-kawza naxxenti mill-iskrittura.

**[41]** Inoltre, apparti l-premess, it-tezi tar-rikorrenti inkwantu bazata fuq dan l-ilment taghhom hija *non-starter* tenut kont tal-fatt li l-gurisprudenza li ghaliha saret referenza mir-rikorrenti, tirreferi ghas-sena 2007, u cioe` 20 sena __wara__ l-iffirmar tal-iskrittura! Fid-dawl ta’ dan il-fatt

---

[14] Vide: QEDB Appl. 39005/04 ***Santos Pinto v. Portugal*** para.41, 20 ta’ Mejju 2008; Appl.13279/05 ***Nejdet and others v. Turkey*** para 51**,** 20 Ottubru 2011; Appl. 21911/03 ***Tudor Tudor v. Romania,*** 24 Marzu 2009; Appl. 28342/95 [GC] ***Brumarescu v. Romania*** para.61, 28 Ottubru 2011; ***Nejdet*** para.58 fejn ukoll saret referenza ghal QEDB ***Paduraru v. Romania*** Appl.63252/00 para.98; Appl.44698/06 ***Vincic and Others v. Serbia*** para 56,1 Dicembru 2009; u Appl. 38155/02 ***Stefanica and Others v. Romania*** Para.38, 2 Novembru 2010; Appl. 10249/03 – deciza 17 Settembru 2009 – para.100 u 101; ***A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights*** – Karen Reid 4th Ed. Pg.86 – b’ referenza ghal kaz ***Nejdet;***

huwa difficli wiehed jifhem kif l-“incertezza legali” minhabba inkonsistenza ta’ decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, setghet zgwidat lir-rikorrent meta dan, legalment assistit, iddecieda li jiffirma l-iskrittura.

**[42]** Izda r-rikorrenti donnhom qed isostnu li gjaldarba l-Qorti tal-Appell iddecidiet fuq punt legali b’tali mod fis-sena 2007, allura bilfors kellha tiddeciedi bl-istess mod fis-sena 2012. Dan ir-ragunament, imur kontra l-ordinament guridiku Malti fejn ma tezistix il-ligi tal-precedent, u wkoll huwa ta’ ostakolu ghall-izvilupp kontinwu tal-kazistika lokali. Il-Qorti tippreciza, izda li ma hix necessarjament qeghdha taqbel li tassew hemm l-inkonsistenza li qeghdin jaraw ir-rikorrenti.
**[43]** Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tilqghu limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata inkwantu cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, fis-sens li tiddikjara li gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri u tordna li l-intimat Avukat Generali jhallashom kumpens ta’ seba’ mitt ewro [€700]; tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza, kif ukoll ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal terz [$^{1}/_{3}$] mill-intimat Avukat Generali, filwaqt li r-rimanenti zewg terzi [$^{2}/_{3}$] ghandhom jibqghu a kariku tal-rikorrenti.

Billi t-tieni aggravju huwa fieragh u vessatorju l-Qorti qed tikkundanna lill-appellanti jhallsu spejjez addizzjonali fl-ammont ta’ sitt mitt Ewro (€600) kif irid il-paragrafu 10(a) tat-Tariffa A fl-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------